Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' April 2023**
**(OR. en)**

**8216/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0103(BUD)**

**FIN 414**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' April 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 250 final |
| Suġġett: | Proposta għal abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali 2023: Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2022 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 250 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 250 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2023
COM(2023) 250 final

2023/0103 (BUD)

Proposta għal

# ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
# GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2023

## ID-DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2022

MT MT

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (…)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif adottat fit-23 ta' Novembru 2022[3],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2023[4], adottat fis-16 ta' Marzu 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 għall-baġit 2023.

## BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u tan-nefqa u għat-taqsima individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

[3] ĠU L 58, 23.2.2023.

[4] COM(2023) 150 final.

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz ta'Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2023 huwa maħsub biex idaħħal fil-baġit 2023 is-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2022. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarja applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[5] ("Regolament Finanzjarju"), il-bilanċ mill-2022 huwa l-uniku suġġett ta' dan l-ABE u għandu jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2023.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2022 turi surplus ta' EUR 2.5 biljun, li għalhekk jiddaħħal bħala dħul fil-baġit 2023.

*(f'EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2022 | |
|---|---|
| **Surplus tad-Dħul** | **2 198 439 115** |
| **Surplus tan-Nefqa** | **320 571 835** |
| **Surplus totali** | **2 519 010 950** |

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas il-kontribuzzjoni totali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-2023 kif dovut. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mit-tbassir rivedut tar-riżorsi proprji li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji aktar tard fl-2023 u se jiġu inklużi f'Abbozz ta' Baġit Emendatorju sussegwenti skont l-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

3. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu tal-2022 f'termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

*(f'EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2022 | Baġit (inkl. AB1-5) | Tqassim tal-eżitu | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Subtotal tad-Dħul** | **170 038 174 351** | **172 236 613 466** | **2 198 439 115** |
| — Titolu 1 - Riżorsi proprji | 153 928 125 042 | 155 758 388 888 | 1 830 263 846 |
| *Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor* | *0* | *-825 222* | *-825 222* |
| *Dazji doganali* | *23 764 800 000* | *25 857 229 679* | *2 092 429 679* |
| *Riżorsi proprji provenjenti mill-VAT* | *19 714 233 150* | *19 665 680 155* | *-48 552 995* |
| *Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING* | *104 087 927 412* | *103 880 358 779* | *-207 568 633* |
| *Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit* | *0* | *0* | *0* |
| *Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING konċess lil xi SM* | *0* | *18 608 660* | *18 608 660* |
| *Riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat* | *6 361 164 480* | *6 337 336 836* | *-23 827 644* |
| — Titolu 2 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti | 2 980 058 807 | 3 226 947 517 | 246 888 710 |
| — Titolu 3 - Dħul amministrattiv | 1 791 362 923 | 1 961 678 826 | 170 315 903 |
| — Titolu 4 - Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi | 454 258 930 | 595 694 687 | 141 435 757 |
| — Titolu 5 - Garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self | 0 | 0 | 0 |
| — Titolu 6 - Dħul, kontribuzzjonijiet u ribassi relatati ma' politiki tal-Unjoni | 10 884 368 649 | 10 693 903 549 | -190 465 100 |

4. Il-varjazzjonijiet netti kkombinati fit-Titolu 1 (*Riżorsi Proprji*) u fit-Titolu 2 (*Surpluses, bilanċi u aġġustamenti*) jammontaw għal EUR 2 077 miljun. Din id-differenza pożittiva hija xprunata b'mod predominanti minn ammont ogħla milli mistenni ta' dazji doganali mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-UE fl-aħħar xhur tas-sena.

5. Il-varjazzjonijiet fit-Titolu 3 (*Dħul amministrattiv*) jammontaw għal EUR 170 miljun. Dan huwa attribwibbli l-aktar għal rata ta' aġġornament tas-salarji ogħla milli kien oriġinarjament

[5] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

previst li żiedet b'mod mekkaniku l-livell ta' kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tal-imposti u tal-pensjonijiet.

6. Il-varjazzjonijiet fit-Titolu 4 (*Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi*) jammontaw għal EUR 141 miljun, li jinkludi multi tal-kompetizzjoni u mgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħra u mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.

7. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu għall-2022 f'termini ta' implimentazzjoni tal-baġit tan-nefqa għall-istituzzjonijiet kollha:

*(f'EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2022 | Baġit (inkl. AB1-5) | Tqassim tal-eżitu | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Subtotal tan-Nefqa** | **170 038 174 351** | **169 717 602 516** | **-320 571 835** |
| **Approprjazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit** | **170 038 174 351** | **169 751 223 270** | **-286 951 081** |
| — Kummissjoni Ewropea | 165 553 144 505 | 165 306 008 388 | -247 136 117 |
| *Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Aġenda Diġitali* | *21 473 535 651* | *20 582 863 422* | *-890 672 229* |
| *Intestatura 2a - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali* | *56 350 922 710* | *57 603 004 248* | *1 252 081 538* |
| *Intestatura 2b - Reżiljenza u Valuri* | *5 572 664 118* | *5 527 511 838* | *-45 152 280* |
| *Intestatura 3 - Riżorsi Naturali u Ambjent* | *55 826 766 838* | *55 690 728 927* | *-136 037 911* |
| *Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri* | *3 254 270 962* | *3 294 971 311* | *40 700 349* |
| *Intestatura 5 - Sigurtà u Difiża* | *1 237 861 185* | *1 136 094 874* | *-101 766 311* |
| *Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja* | *12 916 051 937* | *13 142 823 607* | *226 771 670* |
| *Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea* | *6 298 233 104* | *6 288 211 250* | *-10 021 854* |
| *Strumenti speċjali tematiċi* | *2 622 838 000* | *2 039 798 910* | *-583 039 090* |
| — Istituzzjonijiet Oħra | 4 485 029 846 | 4 445 214 882 | -39 814 964 |
| *Parlament Ewropew* | *2 161 651 286* | *2 151 485 224* | *-10 166 062* |
| *Kunsill u Kunsill Ewropew* | *611 473 556* | *598 590 564* | *-12 882 992* |
| *Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* | *467 900 000* | *460 549 622* | *-7 350 378* |
| *Qorti Ewropea tal-Awdituri* | *162 141 175* | *160 328 437* | *-1 812 738* |
| *Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* | *152 451 643* | *146 533 872* | *-5 917 771* |
| *Kumitat tar-Reġjuni* | *109 976 858* | *109 102 637* | *-874 221* |
| *Ombudsman Ewropew* | *12 222 108* | *11 851 764* | *-370 344* |
| *Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* | *20 266 000* | *19 907 724* | *-358 276* |
| *Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna* | *786 947 220* | *786 865 037* | *-82 183* |
| **Kanċellament ta' approprjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti** | **0** | **-130 188 747** | **-130 188 747** |
| — Kummissjoni Ewropea | 0 | -74 996 040 | -74 996 040 |
| *Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (skont l-Art. 12(7) tar-Regolament Finanzjarju)* | *0* | *-55 500 752* | *-55 500 752* |
| *Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (b'mod awtomatiku u permezz ta' deċiżjoni)* | *0* | *-19 495 288* | *-19 495 288* |
| — Istituzzjonijiet Oħra | 0 | -55 192 707 | -55 192 707 |
| *Parlament Ewropew* | 0 | *-15 915 189* | *-15 915 189* |
| *Kunsill u Kunsill Ewropew* | 0 | *-8 369 292* | *-8 369 292* |
| *Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* | 0 | *-4 325 816* | *-4 325 816* |
| *Qorti Ewropea tal-Awdituri* | 0 | *-293 225* | *-293 225* |
| *Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* | 0 | *-4 655 361* | *-4 655 361* |
| *Kumitat tar-Reġjuni* | 0 | *-2 760 761* | *-2 760 761* |
| *Ombudsman Ewropew* | 0 | *-123 703* | *-123 703* |
| *Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* | 0 | *-268 177* | *-268 177* |
| *Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna* | 0 | *-18 481 184* | *-18 481 184* |
| **Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa** | **0** | **96 567 993** | **96 567 993** |

8. L-ammont mhux implimentat mill-istituzzjonijiet kollha kkombinati kien EUR 287 miljun. Il-Kummissjoni implimentat 99.85 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati. Is-sottoimplimentazzjoni tal-Kummissjoni kkonċernat ammont ta' EUR 247 miljun ta' approprjazzjonijiet ivvotati u EUR 75 miljun ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2021.

9. Is-sottoimplimentazzjoni u l-kanċellament ta' approprjazzjonijiet tal-istituzzjonijiet l-oħra huma baxxi meta mqabbla mal-livelli tas-snin preċedenti.